MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2010

Avviz Numru. 22/2010

**Paul & Rocco (Marsa) Limited**

**vs**

**Daniel Lanzon**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar is-sitta w ghoxrin ta’ Jannar 2010 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ hames elef tmien mija u disghin Euro (€5,890) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ bejgh ta’ vettura tat-tip Fiat Bravo bin-numru ta’ registrazzjoni LEE-035 u dan kif jirrizulta mill-ftehim datat dsatax (19) ta’ Frar 2009 (kopja ta’ liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok A ).

Bl-ispejjez u bl-imghax bl-oghla rata permessa mil-Ligi mid-data ta’ meta l-hlas kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat, skond riferta posittiva tal-Marixxal Stephen Agius datata hmistax (15) t’April 2010, fejn thalliet kopja tal-avviz fil-Kunsill Lokali ta’ San Giljan, fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ San Giljan, kif ukoll fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta’ attrici.

Illi l-konvenut gie notifikat b’din il-kawza wkoll permezz t’avviz li deher fil-gazzetta tal-Gvern tal-14 ta’ Mejju 2010 u fil-gazetta lokali The Independent datat 21 ta’ Mejju 2010.

Illi fis-seduta tal-31 ta’ Marzu 2010 is-socjeta’ attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut.

Rat illi fis-seduta tat-2 ta’ Gunju 2010 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi ‘n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamest elef tmien mija u disghin Euro (€5,890) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------